MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 880/1992/2

**Antoinette Naudi**

**Vs**

**Edwin Naudi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta’ Awissu 1992 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti huma mizzewga u miz-zwieg taghhom m’ghandhomx tfal;

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ eccessi, sevizzji, mohqrija, minacci, ngurji u abbandun fil-konfront ta’ l-attrici, u aktar minn hekk, irrenda l-hajja konjugali mpossibbli bejn il-partijiet b’mod illi llum iz-zwieg jidher li

tfarrak irrimedjabbilment u l-attrici kellha titlaq mid-dar konjugali u tmur toqghod m'ommha;

Illi l-attrici, li issa ilha tghix separata *de facto* minn zewgha ghal snin shah, trid tissepara ruhha definittivament minn mal-konvenut u ghal dan l-iskop ottjeniet mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, l-awtorizzazzjoni necessarja ghall-prezenti procedura u dan skond digriet numru 593/92, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. "JMB";

Illi *ai termini* ta' l-imsemmija awtorizzazzjoni, l-attrici qed tipprezenta din l-istanza ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tistabbilixxi retta alimentari settimanali pagabbli mill-konvenut lill-attrici;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti;

4. Tordna l-likwidazzjoni u d-divizjoni ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja porzjon lil kull wahda mill-partijiet;

5. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif provdut fl-**artikolu 48, 50, 51 u 52 tal-Kodici Civili** jew dawk applikabbli ghall-kaz in ezami;

6. Tordna lill-konvenut illi jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali nkluzi flus li kellha qabel iz-zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 16 ta'' Ottubru 1992 a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi l-ewwel talba attrici, m'hijiex opposta *purche* is-separazzjoni mitluba ma tigix pronunzjata minhabba tortijiet tal-konvenut;

2. It-tieni u r-raba` talbiet attrici huma opposti billi minhabba mgiebitha, l-attrici hija dekaduta mid-drittijiet taghha illi tircievi manteniment u li tippercepixxi sehem mill-akkwisti;

3. It-tielet talba m'hijiex opposta;

4. Il-hames talba hija opposta billi l-eccipjent qatt ma ta lok ghad-dekadenza mitluba;

5. Is-seba` (sic) talba hija opposta ghaliex l-eccipjent m'ghandu ebda oggett dotali u/jew parafernali ta' martu fil-pussess tieghu;

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol.12 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 13 tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 16 ta' Ottubru 1992 fejn talab lill-Qorti sabiex tirreduci r-retta alimentari pagabbli minnu ghal wahda aktar ragonevoli;

Rat id-digriet tas-26 ta' Jannar 1993 (a fol. 22) fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex jipprezenta nota guramentata dettaljata dwar il-bdil fic-cirkostanzi tieghu u ta' l-intimata;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru 1992;
Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess (a fol. 25);

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale tat-3 ta' Frar 1993;

Rat in-nota ta' l-attrici tat-23 ta' Marzu 1993 li permezz taghha esebiet l-affidavit ulterjuri taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu 1993. Il-partijiet u d-difensuri qablu li bejn il-kontendenti hemm kawza ohra fl-ismijiet inversi Citazzjoni Numru 1195/92 li kienet fuq il-lista ta' dakinhar u li l-provi kollha li jitressqu f'wahda jkunu applikabbli ghall-kawza l-ohra.

Rat in-nota ta' l-attrici li permezz taghha esebiet l-affidavit ta' Noel Muscat (a fol. 37);

Rat in-nota tal-konvenut ta' l-10 ta' Mejju 1993 fejn permezz taghha ddikjara li jrid jaghmel kontro-ezami ta' Noel Muscat;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju 1993 fejn giet nominata Dr Rachael Spiteri Bonello bhala Perit Legali;

Rat in-nota ta' l-attrici datata 1 ta' Lulju 1993 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha (a fol. 42) u ta' Marie Therese Torbini (a fol. 44);
Rat in-nota tal-konvenut ta' l-10 ta' Awissu 1993 fejn permezz taghha ddikjara li jrid jaghmel il-kontro-ezami ta' l-attrici u ta' Marie Therese Torbini;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale tat-12 ta' Ottubru 1993; ta' l-1 ta' Dicembru 1993; tas-16 ta' Frar 1994; tas-26 ta' April 1994; tat-12 ta' Ottubru 1994; tat-30 ta' Novembru 1994; tas-7 ta' Marzu 1995; tas-17 ta' Mejju 1995; ta' l-1 ta' Novembru 1995; tas-6 ta' Frar 1996; tas-26 ta' Marzu 1996; u tas-17 ta' April 1996 fejn il-kawza giet kancellata;

Rat ir-rikors ta' l-attrici tat-18 ta' April 1996 fejn talbet lill-Qorti sabiex tirrikjama l-kawza ghas-smigh;

Rat id-digriet tal-25 ta' April 1996 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta' Mejju 1996; tat-30 ta' Ottubru 1996; tas-27 ta' Novembru 1996; ta' l-10 ta' Dicembru 1996; u tat-22 ta' Jannar 1997;

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 14 ta' Mejju 1997 fejn talab lill-Qorti sabiex tirrevedi l-manteniment pagabbli u tirreducih;

Rat id-digriet tas-27 ta' Mejju 1997 fejn il-Qorti rrizervat li tiprrovdi dwar ir-rikors imsemmi, wara li jigi trattat;
Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu 1997; tat-30 ta' April 1997; tat-18 ta' Gunju 1997; tal-15 ta' Ottubru 1997; tad-19 ta' Novembru 1997; ta' l-4 ta' Frar 1998 u tat-22 ta' April 1998;

Rat ir-rikors tas-16 ta' Marzu 1998 fejn l-attrici talbet lill-Qorti sabiex tordna lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali sabiex jirriduci l-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar mill-pensjoni tal-konvenut u tithallas direttament lilha;

Rat il-verbal tat-30 ta' April 1998; ta' l-1 ta' Lulju 1998 fejn xehdet l-attrici u Dr. Stephen Thake ghall-konvenut iddikjara li l-manteniment ser jigi ssomministrat b'effett immedjat u l-Qorti astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni tar-rikors tas-16 ta' Marzu 1998; tal-21 ta' Ottubru 1998 fejn Dr. Stephen Thake ghall-konvenut obbliga ruhu li *oltre* mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar se jithallsu tletin lira Maltija (Lm30) ohra fix-xahar sakemm l-arretrati jigu saldati; tal-15 ta' Dicembru 1998; ta' l-24 ta' Marzu 1999; tal-5 ta' Mejju 1999; tat-23 ta' Gunju 1999; tat-3 ta' Novembru 1999; tat-12 ta' Jannar 2000; tat-18 ta' Frar 2000; tat-30 ta' Marzu 2000; ta' l-10 ta' Mejju 2000; tat-28 ta' Gunju 2000; tal-11 ta' Ottubru 2000 fejn il-Qorti ordnat lill-attrici sabiex tipprezenta nota bid-domandi li trid taghmel lill-attur in kontro-ezami; tat-22 ta' Novembru 2000; tas-17 ta' Jannar 2001; tat-28 ta' Marzu 2001 fejn gie deciz li l-konvenut jista' jirrispondi ghad-domandi ta' l-attrici

permezz ta’ affidavit preparat bl-intervent tan-Nutar Dr Roberta Bizazza; tal-11 ta’ Mejju 2001; tat-13 ta’ Gunju 2001; tal-11 ta’ Lulju 2001; tal-5 ta’ Ottubru 2001; tal-31 ta’ Ottubru 2001; tat-30 ta’ Novembru 2001; tat-13 ta’ Frar 2002; ta’ l-24 ta’ April 2002; tat-3 ta’ Lulju 2002; tat-22 ta’ Ottubru 2002; tat-28 ta’ Novembru 2002; tal-5 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti awtorizzat lill-Perit Legali sabiex izzomm seduta ghall-kontro-ezami tal-konvenut fir-residenza tieghu; tat-23 ta’ Jannar 2003 quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta;

Rat l-ordni tas-17 ta’ Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita sabiex tinstema’ minn din il-Qorti hekk kif attwalment presjeduta a bazi ta’ l-**artikolu 11 tal-Kap 12.**

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta tas-26 ta’ Marzu 2003; ta’ l-20 ta’ Mejju 2003; ta’ l-24 ta’ Gunju 2003 fejn gie revokat l-inkarigu tal-Perit Legali u giet nominata Dr Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju sabiex izzomm seduta wahda ghall-provi kollha tal-partijiet; tas-6 ta’ Novembru 2003; ta’ l-14 ta’ Jannar 2004; tat-3 ta’ Marzu 2004; tat-13 ta’ Mejju 2004 fejn il-Qorti ddikjarat l-provi maghluqa. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2005 bil-fakolta’ lill-partijiet jipprezentaw nota ta’ oservazzjonijiet b’terminu ta’ erbghin (40) jum kull wiehed, tibda’ l-attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza bl-ismijiet inversi Citazzjoni Numru 1195/1992/RCP fuq il-lista ta’ llum u dan anke *in vista* ta’ dak miftiehem bejn il-partijiet dwar il-gbir tal-provi u wkoll in kwantu l-istess huwa relevanti ghall-kawza odjerna.
Rat li l-ebda wahda mill-partijiet ma pprezentat ebda nota ta’ osservazzjonijiet minkejja l-fakolta’ moghtija mill-Qorti lil kull parti sabiex taghmel dan.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi qabel xejn din il-Qorti tordna l-korrezzjoni fic-citazzjoni attrici b'dan li t-talba numru (7) tigi minflok enumerata bhala dik numru (6) u ghalhekk tordna l-korrezzjoni apposita fl-ahhar talba tac-citazzjoni attrici.

**(a) <u>Provi prodotti.</u>**

Illi l**-attrici Antoinette Naudi** lmentat diversi drabi li zewgha ma kienx itiha flus f'idejha u dan sa mill-*honeymoon*. Meta gew lura mill-*honeymoon* huwa beda` johrog wahdu u gieli kien jaghmel granet u ljieli barra. Hija qalet li ghal zewgha l-flus gheziez wisq ghalih. Meta kienet titolbu ghax ikunu spiccawlha huwa kien jerfa' jdejh fuqha. Sahansitra hwejjigha kienet tiddubbhom. Hija gieli kellha anke tohrog tahdem.

Illi x-xhud sostniet li zewgha kien jaghmel minn kollox biex idejjaqha u jgieghlha titlaq mid-dar. Hija tichad li ma kienitx issajjarlu. Meta kien jaghtiha l-flus biex tixtri l-ikel kienet issajjarlu. Meta kien jaghtiha l-flus biex tixtri l-ikel hija kienet issajjarlu. Meta ma kienx jaghtiha l-flus ma kienx ikollha biex tixtri u b'hekk ma kienitx issajjar. Fid-dar il-kumditajiet kienu kollha neqsin. Fl-ahhar, wara xebgha li taha, kienet kostretta titlaq u hadet hwejjigha fuq parir ta' l-avukat taghha.

Illi hija dejjem raqdet ma' zewgha hlief wara xi xebgha. Fl-ahhar zminijiet qabel ma sseparaw marret torqod f'sodda ohra ghax bdiet tibza' minnu. Hja marret ghand Dr Abraham Galea minhabba d-dwejjaq li kienet thoss u hu qalilha li ma kellhiex mard.

Ill f'affidavit ulterjuri hija kkonfermat li zewgha kien hafna aggressiv maghha. Hija qalet li waqt il-*honeymoon* sar dak li kellu jsir bejn koppja normali. Id-dar dejjem zammitha nadifa. Hija kienet tidhol sal-Belt ma' ohtha bil-kunsens ta' zewgha ghax la televizjoni ma kellhom u lanqas kellha biex tixtri ktieb.

Illi hija cahdet li hbiet minn zewgha. Hi ma kienitx fuq kalmanti. Hija qalet li meta telqet kull ma hadet kienu hwejjigha. Xehdet ukoll li meta zewgha ghamel zmien ma

jghix id-dar beda` jipprova jirrangahom Mons. Philip Calleja.

Illi in kontro-ezami xehdet li meta kienet tkun imdejqa hafna ghax ma kienx itiha flus biex tixtri l-affarijiet ghad-dar kienet tmur ghand il-Psikjatra Abraham Galea li ma kien itiha xejn. Hija kienet imdejqa ghax kienet tibza' minnu ghax meta kienet titolbu l-flus kien isawwatha. Qabel is-separazzjoni marret ghand Dr Schembri Wismayer u mbaghad marret ghand Dottor Pisani xi darbtejn wara li sseparaw. Wara li telqet ir-ragel id-dwejjaq kien ghaddielha kif ukoll il-biza'. Qabel iz-zwieg qatt ma marret ghand tobba.

Illi qabel iz-zwieg huma ma kellhomx *full sexual intercourse* minhabba t-twemmin taghhom. Matul il-*honeymoon* kellhom *full sexual intercourse* u l-frekwenza tar-rapporti sesswali kienu frekwentissimi anke waqt il-hajja mizzewga. Ghall-bidu kienet tiehu l-*pill* u mbaghad ma baqghetx. Hija kienet qaltlu biex imorru ghand it-tabib biex jaraw ghalfejn ma kellhomx tfal u hu qalilha li jekk ikollu t-tfal ikollu hafna nkwiet.

Illi hija qalet li kien hemm ftit drabi fejn irrifjutat l-avvanzi sesswali ta' zewgha u dan ghax ikun ghamlilha xenata u jkun refa' jdejh fuqha. Hija qatt ma ddiskutiet ma' hadd il-hajja sesswali taghhom. L-insistenza ta' zewgha fis-sess ma kienx fattur ghat-tkissir taz-zwieg. Ghalkemm hija qalet ukoll li dejjem kien jghajjarha u jsawwatha anke waqt l-att sesswali hu kien jigdimha u joqrosha. Hi qalet li kien *a mummy's boy* u kien jammettiha u qabel ma kien jaghmel xi haga dejjem kien isaqsi l-permess. Xehdet ukoll li kienet tarah fil-kumpanija ta' nisa fosthom certa wahda Wanda.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti l-attrici xehdet li hlief ghall-post fejn kienu joqghodu ma kellhomx aktar proprjeta' immobiljari. Dan ghalih kien sar kuntratt ta' cens temporanju. Illi dwar salarju xehdet kemm jiehu u li rcieva xi arretrati. Huwa jaghtiha mitt lira Maltija (Lm100) manteniment fix-xahar kif stabbilit mis-Sekond'Awla bid-digriet 539/92 datat 15 ta' Gunju 1992.

Illi **Noel Muscat,** hu l-attrici, xehed li wara z-zwieg, ohtu ma baqghetx l-istess bhal qabel. Hi kienet tkun ta’ spiss wahedha u bla flus. Meta zewgha kien jitlaq u ma jmurx ghal tul ta’ zmien ma kienx jibghatilha flus. Ix-xhud gieli sellifiha xi flus u l-genituri taghhom kienu jaghtuha affarijiet ta’ l-ikel ghax ma kienx ikollha biex tixtri. Ohtu kienet turih pitazz fejn kienet izzomm kont, gurnata b’gurnata, ta’ x’kellha flus u kemm kienet tonfoq.

Illi **Marie Therese Torbini,** oht l-attrici, kkonfermat dak li xehed huha, Noel Muscat. Hija wkoll kienet tghinha taghtih hwejjeg x’tilbes.

Illi **Edwin Naudi** xehed li l-gherusija tieghu ma’ martu kienet wahda pjuttost normali hlief li hi kienet iggaghlu jhossu hazin jekk hija kienet tigrilha xi haga hazina. Huwa sostna li dejjem gab ruhu maghha b’mod civili u qatt ma refa’ jdejh fuqha lanqas meta pprovokatu. M’hiex fin-natura tieghu li jkun aggressiv.

Illi huwa qal li fil-*honeymoon* hija kienet depressa hafna ghax qaltlu li kienet *homesick.* Fir-rigward tal-hajja ntima taghhom hija ma haditx pjacir bl-avvanzi sesswali tieghu waqt il-*honeymoon* u qaltlu li kienet tippreferi tistenna sakemm jaslu lura Malta. Is-sitwazzjoni pero’ ma marritx ghall-ahjar anzi ghall-aghar. Hija kienet dejjem iggiblu hafna skuzi.

Illi bhala mara tad-dar ma kienitx ahjar. Ma kienitx issajjarlu. Il-ftit drabi li kiel sew kien meta gabet ikel imsajjar lest minghand ommha. Hafna drabi kienu jieklu barra jew kien jiekol xi pastizzi. Kien isibha ta’ spiss jew rieqda jew ghand ommha.

Illi wara z-zwieg sar jaf li kienet qed tmur ghand il-Psikjatra Dr Pisani u Dr Schembri Wismayer u ma kienitx infurmatu. *Inoltre* hi ppruvat tahbilu li kienet ilha tiehu kalmanti. Kien jaf li hi kienet tmur ghand Dr Abraham Galea.

Illi huwa cahad li ma kienx itiha flus. Skond huwa kien jaghtiha tajjeb ghas-salarju li kellu u huwa kien ihallas il-kontijiet. Ftit mill-flus kienu jintefqu ghall-ikel minnha. Huwa ddeskriva z-zwieg tieghu b'dan il-mod *"It was an unhappy marriage, a miserable home life. Her negative attitude towards sex, towards cooking and keeping house for me, were hardly the basis for a good marriage."*

Illi huwa kompla li meta telqet mid-dar kien minghajr pre-avviz. Mar id-dar u wara x-xoghol sab kullimkien vojt hwejgu u saqqu ma' l-art. Kienet hadet kollox.

Illi meta xehed *viva voce* quddiem il-Perit Legali xehed li matul l-gherusija ma kellux x'jikkritika. Kien hemm gibda lejn xulxin. Indhil zejjed mill-familji ma kienx hemm. Huwa rega' ddikjara li martu kienet pjuttost bierda u l-hajja ntima taghhom baqghet tmur ghall-aghar. Dan anke jekk problemi ta' adulterju qatt ma tfaccaw matul iz-zwieg. Huwa ma jistax jghid li kienet mara tad-dar ghax kienet tohrog spiss tmur ghand ommha u tittraskura d-dar. Dwar hasil ta' hwejjeg u tindif kienet normali.

Illi dwar tfal is-suggett qatt ma gie diskuss minnhom. Hija qatt ma harget tqila u huma qatt ma kkonsultaw tobba dwar dan il-punt.

Illi meta rcieva l-ewwel darba ittra minn martu permezz ta' l-avukat taghhom kien xi sentejn jew tlieta wara z-zwieg. Sar inkontru bejniethom fil-prezenza ta' l-avukati. L-ilmenti ta' martu kienu li ma kienx qed jaghtiha bizzejjed flus. Qabel ma rceviet l-ittra kienet haditlu c-cwievet tad-dar u waqt il-laqgha qablu li jzidha fil-flus u li jiehu c-cavetta lura. Xi hames snin ircieva ittra ohra bl-istess ilment.

Illi in kontro-ezami qal li qabel iz-zwieg ma kellhomx relazzjonijiet sesswali shah minhabba r-religjon. Huma nfirdu xi darbtejn qabel ma nfirdu definittivament. Ix-xhud sostna li ghalih iz-zwieg kien ifisser li jghixu flimkien u jkollhom it-tfal. Kien jaf li z-zwieg huwa sagrament u fil-ligi Maltija hu ndissolubbli.

Illi huwa xehed li minn mindu nfired minn ma’ martu hareg jiekol ma’ certu Wanda u dam hames xhur johrog maghha regolarment. Kienu biss hbieb. Qatt ma siefer maghha. Huwa ma qabilx li qabel ma kien johrog ma’ martu hareg ma’ din it-terza persuna bhala *steady.*

Illi matul iz-zwieg xogholu kien bix-*shift.* Kien jahdem bhala *wireless operator* mal-privat u fl-1979 sar impjegat mal-Gvern.

Illi meta xehed fil-15 ta’ Jannar 1997 qal li kien qed jaqla’ *basic* ta’ tlett mija u disgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm339.50) fix-xahar. Qabel li f’Novembru 1996 ha *gratuity* ta’ mitjen lira Maltija (Lm200). Ma faddalx flus waqt iz-zwieg. L-elf lira nefaqhom fid-dar ghalkemm l-ircevuta ma jafx fejn hi. Kellu erbat elef lira Maltija (Lm4,000) iddepozitati l-Bank, gibidhom u nefaqhom fis-safar wahdu. *Shares* f’kumpaniji qatt ma kellu u lanqas flus depozitati barra minn Malta. Huwa nnega li waqt laqgha ghal rikonciljazzjoni kien wera quddiem l-avukat li kellu depoziti bankarji u diversi *shares* f’kumpaniji. F’seduta sussegwenti qal li kellu xi haga zghira f’bank barrani u gibidhom. Bejn l-1979 u l-1997 il-paga kien jonfoqha kollha biex ihallas ghall-ikel. Meta kien qed jixhed qal li fl-ahhar ghaxar snin kien siefer xi erba’ darbiet, kull darba bejn hmistax u tlett gimghat. Proprjeta’, karozza u *boat* m’hemmx. Huwa qed jghix f’dar mikrija sitta u tletin lira Maltija (Lm36) fis-sena li kienet id-dar li kienet toqghod ommu u huwa wiret il-kirja. Ilum huwa pensjonant.
Illi xehed li flus imfaddlin fuq isem xi hadd minn hutu m’hemmx. Lanqas ghandu xi flus mislufin fl-idejn permezz ta’ skrittura privata jew qed izommhomlu xi hadd.

Illi huwa spjega li l-*flat* li kien id-dar matrimonjali taghhom kien krieh b’sub-cens ghal dsatax-il lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm19.65) kull tlett xhur u kien hallas rigal jew *key money* xi sena w nofs qabel iz-zwieg. Ic-cens kien jaghlaq fis-sena 2000. Sena wara li sseparaw kien ghadda dan ic-cens lil certu Grixti ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) kull tlett xhur sas-sena 2000. Huwa qatt ma taha xi flus minn dawn lil martu ghax dejjem taha

dak li ordnatlu l-Qorti.  Skond l-affidavit tieghu pprezentat fit-8 ta' Novembru 2001, l-uniku ktieb bankarju li kellu huwa kont kurrenti mal-Bank of Valletta b'bilanc ta' mitejn lira Maltija (Lm200).

Illi xehdu hut l-attur **Herbert Naudi u Tania Portelli**.  Bejn wiehed u iehor huma xehdu l-istess affarijiet.  Iddeskrivew lil huhom bhala bniedem kwiet u mill-ahjar kif ukoll mhux xhih fejn jidhlu l-flus.  *Inoltre* li huwa bniedem li mhux ta' natura aggressiva.  Wara z-zwieg huma raw bidla fih.  Illi dwar ir-relazzjoni ta' huhom ma' Antoinette Naudi jirrizulta li xehdu a bazi ta' dak li qalilhom huhom u mhux ghax fil-maggor parti tad-drabi kienu prezenti.

**<u>(b). Apprezzament tal-Provi.</u>**

Illi l-attrici ppremettiet fic-citazzjoni li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzji, mohqrija, minacci, ingurji u abbandun fil-konfront ta' l-attrici, u aktar minn hekk irrenda l-hajja konjugali mpossibbli bejn il-partijiet b'mod illi z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment u l-attrici kellha titlaq mid-dar konjugali u tmur toqghod m'ommha.

Illi minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel mas-separazzjoni pero' mhux li din grat tort tieghu.  Qed jopponi li jaghtiha manteniment u li tiehu sehemha mill-komunjoni ghax qed isostni li hi ddekadiet mid-drittijiet taghha.

Illi l-attrici tichad li ma kienitx issajjarlu u ssostni li dejjem zammet id-dar nadifa.  Hija lmentat mill-fatt li zewgha ma kienx jaghtiha bizzejjed flus u ghalhekk kienu neqsin mill-kumditajiet.  Meta mbaghad kienet titolbu l-flus huwa kien allegatment jerfa' jdejh fuqha. Sostniet li hija u zewgha dejjem kellhom relazzjonijiet sesswali u dan b'mod frekwenti u hija kienet tirrifjuta l-avvanzi tieghu biss wara xi xenata jew li jkun refa' jdejh fuqha.  Ghalkemm huwa minnu li fittxet li tmur ghand Psikjatri dan ghamlitu ghax kienet mdejqa fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom fiz-zwieg pero' dejjem qalulha li ma kellha xejn.

Il-konvenut ilmenta fuq il-fatt li martu ma kienitx mara taddar daqshekk tajba ghax ma kienitx issajjarlu u dejjem tohrog tmur ghand ommha.  L-aktar fattur pero' li enfasizza fuqu huwa li ghalkemm kien ikollhom relazzjonijiet sesswali pero' martu kienet pjuttost bierda u li hafna drabi kienet iggiblu hafna skuzi.  Sostna wkoll li hija dejjem kienet titolbu aktar flus.  Allega wkoll li martu kienet fuq il-kalmanti u qatt ma kienet qaltlu u li kienet tahbilu l-appuntamenti li kienet tiffissa mal-Psikjatri.

Illi a bazi ta' dawn il-provi prodotti u *tenendo* kont ukoll li l-partijiet ilhom ghexieren ta' snin li m'ghadhomx jghixu flimkien m'hemm l-ebda dubju li dan iz-zwieg tfarrak irrimedjabbilment. Il-partijiet ressqu diversi allegazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin u din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici giet ippruvata fis-sens li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi, u mohqrija, nkluz li kien ihalli lill-attrici fil-bzonn, u dan urieh anke fil-mori ta' din il-kawza meta kemm il-darba naqas milli jkun puntwali fil-hlas ta' manteniment lill-attrici, anke dak ordnat *pendente lite.* Apparti dan ix-xhieda ta' l-attrici kif korroborata mix-xhieda minna prodotti hija konsistenti fuq dan il-punt li l-konvenut kien xhih ma' l-attrici.  Apparti dan jidher li l-istess konvenut kien hati ma' l-attrici ta' ngurji gravi, u fil-fatt attribwixxa lill-attrici certu allegazzjonijiet, anke fil-kawza l-ohra li bl-ebda mod ma gew ippruvati minnu u dawn l-allegazzjonijiet kollha jammontaw ghall-ingurji gravi fil-konfront ta' l-attrici.

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha b'dan li l-konvenut ghandu jkun tenut responsabbli ghall-firda personali ta' bejn il-partijiet minhabba li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi, mohqrija, minacci u ngurji gravi u kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment.

Illi dwar it-tieni talba attrici hija qeghda titlob il-manteniment minghand zewgha u ma hemm l-ebda dubju li l-istess attrici ghandha dritt ghall-istess.  Huwa veru li l-konvenut jsostni li martu ddekadiet minn dan id-dritt pero` la darba gie ppruvat li kien l-agir tal-konvenut li ta' kawza ghal din id-dikjarazzzjoni ta' firda personali u allura la

darba ma giex ghalhekk ippruvat li z-zwieg tkisser tort ta' l-attrici allura l-konvenut huwa u jibqa' obbligat li jivversa manteniment lill-martu.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li permezz tad-digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, Digriet Numru 593/92 il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta' mitt lira (Lm100) fix-xahar bhala alimenti lill-attrici. Illi l-attrici qed tippretendi ammont akbar. Minn naha tieghu l-konvenut irid li jkun anqas ghax issa llum huwa pensjonant. It-talba ta' l-attrici li l-manteniment ikun aktar ma tistax tintlaqa'. Fl-ewwel lok hija ma gabitx provi sabiex turi li zewgha tbiddlulu c-cirkostanzi b'tali mod li jista' jzidha fl-ammont ta' manteniment. Minn naha l-ohra l-konvenut lanqas ma gab provi biex iwassal lil din il-Qorti tnaqqas l-ammont ta' manteniment. Il-fatt li issa huwa pensjonant mhux bizzejjed sabiex ikun hemm tnaqqis ta' manteniment. Ghalhekk hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li r-rata ta' manteniment ghandha tibqa' dik attwali u ghalhekk din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex jibqa' jghaddi u jissominstra lill-attrici l-istess ammont mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar pagabbli bix-xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici.
Illi fit-tielet u r-raba' talbiet taghha l-attrici talbet li l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi xolta u ssir il-likwidazzjoni taghha. Il-konvenut qed jippretendi li l-attrici ddekadiet mid-drittijiet taghha. Illi kif diga' nghad l-attrici ma ddekadietx mid-drittijiet taghha. Jinghad pero' li l-partijiet ma pproducewx wisq provi dwar dak li tikkomprendi l-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-konvenut iddikjara li hemm xi kont bankarju. Huwa xehed li kellu erbat elef lira Maltija (Lm4,000) depozitati l-Bank. Huwa gibed dan l-ammont u nefqu f'safar wahdu. Ma rrizultax li dan l-ammont kien jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Din il-Qorti ma tistax toqghod tassumi u ghalhekk kien kompitu ta' l-attrici li tipprova li dak il-kont kien jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti u li ghalhekk hija kien ikollha dritt ghal nofs l-ammont.

Illi rrizulta li l-fond matrimonjali kien mikri b'sub-cens ghal dsatax-il lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm19.65) kull tlett xhur u l-konvenut kien hallas rigal jew *key money*

xi sena w nofs qabel iz-zwieg. Ic-cens kien jaghlaq fis-sena 2000. Sena wara li sseparaw kien ghadda dan ic-cens lil certu Grixti ghal hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) kull tlett xhur sas-sena 2000. Huwa qatt ma taha xi flus minn dawn lil martu ghax dejjem taha dak li ordnatlu l-Qorti. Jekk wiehed jikkalkula l-qligh li l-konvenut ghamel huwa wiehed minimu matul is-snin kollha li kien mifrud minn ma' martu (Lm6.35x4x 18-il sena = Lm457.20). Illi *tenendo* kont ta' dan u tal-fatt ukoll li llum huwa pensjonant u l-manteniment ta' l-attrici mhux se jitnaqqas, allura din il-Qorti tiddeciedi li ma tordnax lill-konvenut jirrifondi nofs mill-qligh lill-attrici. Ghalhekk il-komunjoni ta' l-akkwisti qed tigi dikjarata xolta mid-data ta' din is-sentenza u kwalunkwe kontijiet bankarji ghandu jibqa' fil-pussess tal-persuna li ghandha f'isimha tali kont, b'dan li kull parti ghandha zzomm dak kollu li attwalment jinsab fil-pussess taghha, u dan *in vista* tal-fatt li l-partijiet ilhom is-snin separati *de facto* minn xulxin.

Illi l-hames talba ghandha wkoll tigi milqugha fl-intier taghha fil-konfront tal-konvenut li kien unikament responsabbli ghal-firda personali ta' bejn il-partijiet.

Illi l-ahhar talba attrici din ghandha tigi michuda *stante* li ma rrizultax li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu xi beni parafernali nkluzi flus li l-attrici kellha qabel iz-zwieg u ghalhekk din it-talba ma gietx ippruvata mill-attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li **tichad is-sitt talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn premess** b'dan illi:-

1) Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba l-agir tal-konvenut *verso* l-attrici tant li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi, mohqrija,

minacci u ngurji gravi u kawza ta' l-istess iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment.

2) Tilqa' t-tieni talba attrici b'dan li tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha l-ammont ta' mitt lira Maltija fix-xahar, pagabbli bix-xahar bil-quddiem fir-residenza attwali ta' l-istess attrici.

3) Tilqa' t-tielet talba attrici b'dan illi tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data tat-3 ta' Awissu 1992.

4) Tilqa' r-raba' talba attrici b'dan illi tordna li kwalunkwe kont bankarju ghandu jibqa' proprjeta' ta' dik il-parti li fuqha huwa intestat l-istess kont, b'dan li kull parti qed tigi assenjata in linja generali dawk il-mobbli kollha li attwalment jinsabu fil-pussess rispettiv ta' kull parti, b'dan li kull parti ghandha jzomm dak kollu li attwalment jinsab fil-pussess taghha jew tieghu.

5) Tilqa' il-hames talba attrici u tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

6) Tichad l-ahhar talba attrici *stante* li ma giex ippruvat li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu beni parafernali nkluzi flus li l-attrici kellha qabel iz-zwieg.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.
Illi din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esagerata taghhom, tant li l-istess partijiet damu b'mod esegerat sabiex jaghlqu l-provi taghhom, tant li din il-kawza ilha pendenti mat-tlettax-il sena shah u ghalhekk din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lilll-attrici thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn-naha l-ohra lill-konvenut hallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------